**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Kump. Nru. 186/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit, Spettur Stephen Gulia, Spettur Rodrick Agius)**

**vs**

**Jason Attard**
**(ID 498081(M))**

**u**

***Omissis***

**Illum, 18 ta' April, 2022**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati:

**Jason Attard** ta' 46 sena, iben Gejtan u Josephine nee` Calleja, imwieled fl-24 ta' Ottubru 1975 ġewwa l-Awstralja, residenti 366, Ave Maria, Triq il-Kanun, Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 498081(M); u

*Omissis*;

1. Akkużati talli nhar is-26 ta' Marzu 2022 għall-ħabta ta' bejn l-22:50 hrs u 23:00 hrs minn ġewwa l-istabbiliment 'Fairbet' li jinsab sitwat ġewwa Triq San Bastjan, Ħal Qormi ikkommettew serq ta' flus kontanti, liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' Adrian Softa u/jew Antoine Pace Mercieca u/jew ta' persuna/i oħra u/jew entitatijiet oħra;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skont il-liġi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarrestaw lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Adrian Softa kontra l-volonta` tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjġu;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġarrew 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

4. Akkużati talli nhar it-8 ta' April 2022 għall-ħabta ta' bejn is-13.45 hrs u s-14.05 hrs fi Triq l-Ewwel Titjira kantuniera ma' Triq l-Industrija ġewwa Ħal Kirkop jew fl-inħawi tal-madwar ikkommettew serq ta' flus kontanti, liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn, tliet mija, disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u li sar għad-dannu ta' Sarah Magri u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bla ordni skont il-liġi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Sarah Magri kontra l-volonta` tagħha u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex tkun mġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ġarrew 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun, mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

7. Akkużati wkoll talli nhar is-27 ta' Marzu 2022 għall-ħabta ta' bejn id-21:10 hrs u d-21:30 hrs minn ġewwa l-istabbiliment 'Ta' Doughnuts' li jinsab sitwat ġewwa Triq il-Belt Valletta, kantuniera ma' Triq Correa, Ħal Qormi ikkommettew serq ta' flus kontanti, liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' Raymond (Raymond-John) Falzon u/jew Mario Borg u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra;

8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skont il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew, jew issekwestraw lil Raymond (Raymond-John) Falzon kontra l-volonta` tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejġu;

9. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ġarrew 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu, xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

10. Talli nhar is-26 ta' Marzu 2022 għall-ħabta ta' bejn l-22.35 hrs u l-22:45 hrs ta' filgħaxija, minn ġewwa l-istabbiliment 'Izibet' li jinsab sitwat ġewwa Triq Ħal Qormi, Ħamrun bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta' serq liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' Tellyon Grech u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita` u/jew entitajiet oħra, wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mil-volonta` tagħhom;

11. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skont il-liġi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Tellyon Grech kontra l-volonta` tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun mġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejġu;

**Lil Jason Attard waħdu akkużat talli:**

12. Nhar it-3 ta' April 2022 għall-ħabta ta' bejn 23:45 hrs ta' filgħaxija minn ġewwa l-istabbiliment 'Southern Fried Chicken' li jinsab sitwat ġewwa Triq

San Bastjan, Ħal Qormi bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-ħin u li sar għad-dannu ta' Muhammed Aslam Kallazhikundil Moideen u/jew Ian Buhagiar Reed u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita` u/jew entitatijiet oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, iema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mill-volonta` tiegħu;

13. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi bla ordni skont il-liġi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew, jew issekwestraw lil Muhammed Aslam Kallazhikundil Moideen kontra l-volonta` tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun mġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġhom;

14. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ġarrew 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

15. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioe` għamel ħsara f'tagħmir elettroniku proprjeta` ta' Muhammed Aslam Kallazhikundil Moideen u/jew Ian Buhagiar Reed u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita` u/jew entitajiet oħra, liema ħsara hija ta' aktar minn 250 Euro u anqas minn 2,500 Euro għad-dannu tal-istess Muhammed Aslam Kallazhikundil Moideen u/jew Ian Buhagiar Reed u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita` u/jew entitajiet oħra;

**Lil *omissis* waħdu akkużat talli:**

16. Talli nhar it-8 ta' April 2022 għall-ħabta ta' bejn is-14:30 hrs u t-14:45 hrs ġewwa Triq il-Mitħna, Ħal Qormi kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta'

Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

17. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi rrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontempat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385, u 412C tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta` tal-persuni fuq indikati.

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti eżebiti;

Rat illi waqt l-eżami tiegħu skont il-liġi, l-imputat **Jason Attard** wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, kif ukoll illi huwa kkonferma din l-ammissjoni tiegħu wara li l-Qorti ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' din l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed sabiex jerġa' jaħsibha u jerġa' lura minnha;

Rat ukoll illi l-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju fil-konfront tal-ko-imputati u dan sabiex din il-Qorti tkun tista' tgħaddi għas-sentenza fil-konfront tal-imputat **Jason Attard**, liema talba ġiet milqugħa mill-Qorti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat **Jason Attard** għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, u dan fil-presenza tal-avukat difensur tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati tal-istess imputazzjonijiet.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis il-fedina penali tal-imputat li mhijiex waħda allarmanti u tikkonsisti f'kundanni dwar reat kontravvenzjonali u reati kontra r-regolamenti tas-sewqan, dwar liema l-imputat ġie kkundannat għall-pieni pekunjarji, bl-aħħar reat jirrisali għas-sena 2013.

Qieset in oltre l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proċeduri.

Mill-banda l-oħra, qed tqis ukoll in-natura ferm serja tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati, li l-imputat qed jiġi akkużat b'xejn inqas minn tliet serqiet aggravati, u żewġ tentattivi ta' serq aggravat, fost reati oħrajn, kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluż iċ-ċirkostanzi tal-imputat odjern, fosthom problemi familjari u ta' droga, u li huwa lest li jirrifondi sehmu mir-*res furtiva,* kif ukoll il-valur tal-ħsarat minnu kkaġunati.

Għall-fini ta' piena, il-Qorti qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk qed tqis ir-reati odjerni bħala reat kontinwat, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17 (h), 18, 41(1)(a), 86, 87(1)(e), 261(a), (b), (c), (f), 262, 263, 267, 270, 275, 277(b), 280(2) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Jason Attard** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' **ħames (5) snin priġunerija effettiva**, mil-liema għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li tagħhom qed jinstab ħati permezz ta' din is-sentenza.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati jħallas is-somma ta' elf, mija, ħamsa u għoxrin ewro (€1,125), rappreżentanti l-valur tal-ħsarat ikkaġunati minnu, kif ukoll is-somma ta' elf u disgħin ewro (€1,090), rappreżentanti sehmu mill-flejjes misruqa, liema somom għandhom jitħallsu minnu fi żmien tliet (3) xhur mil-lum.

Ai termini tal-Artikolu 392Ċ tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna lill-ħati sabiex iħallas nofs l-ispejjeż tal-esperti li ġew nominati fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesti li saru in konnessjoni mal-każ odjern, l-ammont ta' liema spejjeż għandu jiġi stabbilit mir-Reġistratur hekk kif l-istess esperti jippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom jew jingħalaq il-proċess verbal, skont il-każ.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lir-Reġistratur, Qrati Kriminali u Tribunali.

Fid-dawl tal-piena erogata fil-konfront tal-ħati, il-Qorti ma jidhrilhiex illi hemm il-ħtieġa illi tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385, kif mitlub mill-Prosekuzzjoni.

Tiġbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi illi l-ħati għandu jingħata l-għajnuna u l-kura kollha neċessarja li juwa jeħtieġ, inkluż fir-rigward tal-vizzju tad-droga.

Ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, tordna li l-atti flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza, jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti skont il-liġi.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat